# LIL MUSA

## (SUNETT)

*Moħtar lill-poeti*
*żgħażagħ maltin.*

Issa ma nitnikketx, jekk fuq xofftejja
ma nħossx iżjed in-nifs tal-bewsa tiegħek,
ja Musa ħelwa : nżilt biż-żejjed ħdejja,
u bosta jien ġarrabt kif igħannaq driegħek:

anqas nitnikket jekk minn ħbub għajnejja
jaħrab id-dawl ta' l-aħħar xemx u miegħek
iżjed ma niltaqax : hawn miet, f'idejja
min lil barrani kien jaħasra ! jbiegħek: *

warajja tielgħa kotra qalbenija
ta' żgħażagħ ferreħin, u fit-triq tagħhom
ifuħ ... ifuħ il-ward tal-poeżija :

u kelmthom, safja, dik li tahom Alla;
l-għanja, mirquma, dik li tnisslet magħhom ;
fuq ħsiebhom, wiċċ is-sliem, tiddi qawsalla.

Dun Karm
f'għeluq it 62 sena ta' ħajtu.

17-10-33.

---

* . . . *hawn miet f'idejja/min lil barrani kien jaħasra! jbiegħek* l-awtur irid igħid għalih in-nifsu, illi għal bosta żmien il-poeżija li kienet f'qalbu kitibha f'ilsna barranin u qatt ma kien ħaseb illi jfissirha bil-lsien malti, biex tibqa bħala wirt ta' ġensna.
(Nota tad-D.)